***10 ta' Ottubru, 1984***

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Ronnie Urpani f'ismu proprju u bħala direttur tad-ditta Jack H. Serra

*versus*

Salvatore Lofaro

**Kambjali - Nullità - Lok ta' Ħlas**

*Rassenja utili ta' dottrina. Saret distinzjoni bejn l-elementi aċċidentali u l-elementi ta' sustanza f'kambjala. In-nuqqas ta' indikazzjoni tal-lok ta' ħlas ma jġibx in-nullità tal-kambjali.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine*, wara li ppremetta li l-konvenut aċċetta u ffirma żewġ kambjali favur l-attur *nomine* tal-valur unitarju ta' tliet mija, wieħed u sittin lira, għoxrin ċenteżmu u tliet milleżmi (£361.20,3), li skadew fl-1 ta' Novembru u fl-1 ta' Diċembru, 1981, u li qed jiġu hawn esebiti *animo ritirandi* u mmarkati Dok. A u Dok. B; u peress illi l-konvenut ħallas biss akkont fuq waħda minnhom u għad fadallu jħallas is-somma ta' sitt mija, tlieta u erbgħin lira, erbgħa u erbgħin ċenteżmu u seba' milleżmi, għalkemm il-kambjali ilhom żmien twil li saru dovuti; l-istess attur *nomine* talab li, in vista tal-premess, din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' sitt mija u tlieta u erbgħin lira, erbgħa u erbgħin ċenteżmu u seba' milleżmi (£643.44,7), bilanċ ta' import ta' żewġ kambjali aċċettati mill-konvenut u li skadew rispettivament fl-1 ta' Novembru, 1981 u fl-1 ta' Diċembru, 1981; bl-ispejjeż inklużi dawk ta'l-ittra uffiċjali ta' Novembru, 1982 u bl-imgħax legali mid-data ta' l-iskadenza relattiva kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine*, il-lista tax-xhieda

tiegħu u d-dokumenti A u B esebiti ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa:

"Illi t-talba ta' l-attur *proprio et nomine* għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż, stante l-fatt li s-somma pretiża tirrappreżenta parti mill-prezz ta' *carello* ta' forn, liema forn u *carello*, flimkien ma' aċċessorji oħra tal-forn, l-eċċipjent kien ordna mingħand l-attur *proprio et nomine*, però sussegwentement, l-attur *proprio et nomine* kien aċċetta li l-*carello*, minflok jinbiegħ lill-eċċipjent, għandu jinbiegħ lil terzi;

Salv eċċezjonijiet oħra";

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat il-kontro talba tal-konvenut li biha, wara li ppremetta illi l-eċċipjent kien ordna mingħand l-attur *proprio et nomine* forn flimkien ma' l-aċċessorji tiegħu (inkluż *carello*); u peress illi parti mill-ħlas kellu jsir f'pagamenti u l-eċċipjent iffirma l-kambjali relattivi (fosthom dawk esebiti mill-attur *proprio et nomine* u mmarkati Dok. A u Dok. B); u peress illi sussegwentement l-attur *proprio et nomine* kien aċċetta li l-*carello* jbiegħu lil terzi u mhux lill-eċċipjent stante l-fatt li l-eċċipjent ma kellux bżonnu; u peress illi l-*carello* jiswa ferm iżjed mis-somma pretiża lill-attur *proprio et nomine* fiċ-ċitazzjoni tiegħu; u peress illi għalhekk l-attur *proprio et nomine* ma jistax jitlob il-ħlas tal-kambjali ppreżentati fiċ-ċitazzjoni tiegħu u mmarkati Dok. A u Dok. B; u peress illi għalhekk ukoll l-attur *proprio et nomine* għandu jagħti lill-eċċipjent id-differenza li tirriżulta meta mill-prezz tal-*carello* titnaqqas is-somma ta' Lm643.44,7 pretiża mill-attur *proprio et*

*nomine* fiċ-ċitazzjoni tiegħu; l-istess eċċipjent, fl-imsemmija kontro talba tiegħu, talab li, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi li l-attur m'għandu l-ebda dritt jesiġi mingħand l-eċċipjent il-pagament tal-bilanċ tal-kambjali minnu ppreżentati maċ-ċitazzjoni tiegħu u mmarkati Dok. A u Dok. B;

Tiddikjara u tiddeċidi li l-attur *proprio et nomine* għandu jħallas lill-eċċipjent is-somma li tirriżulta wara li tiġi mnaqqsa s-somma ta' Lm643.44,7 mill-prezz tal-*carello*, liema prezz jiġi stabbilit u ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Tikkundanna lill-attur biex iħallas lill-eċċipjent dik is-somma li hekk tirriżulta;

Bl-ispejjeż kontra l-attur *proprio et nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu in sostenn ta' l-imsemmija kontro talba;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut (a fol. 13) li biha eċċepixxa:

"Illi t-talba ta' l-attur *proprio et nomine* hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kambjali esebiti maċ-ċitazzjoni huma nulli peress illi ma ġewx osservati d-disposizzjonijiet kollha ta' l-artikolu 179 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kapitolu 17)";

Rat id-dikjarazzjoni ulterjuri ta' l-istess konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-attur *proprio et nomine* għall-kontro talba tal-konvenut li biha eċċepixxa:

"Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro talba tal-konvenut huma għal kollox infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;

Illi l-azzjon intavolata mill-attur hija waħda dwar kambjali u għalhekk l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenut huma għal kollox barra minn lokhom u t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa bl-ispejjeż";

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Eżaminat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, fosthom in-noti ta' osservazzjonijiet li ssottomettew id-difensuri tal-kontendenti dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut u ċjoè dwar in-nullità o meno tal-kambjalijiet esebiti a fol. 4 u 5 tal-proċess;

Illi l-konvenut jirritjeni illi dawn il-kambjalijiet huma nulli għaliex ma ġewx osservati d-disposizzjonijiet kollha ta' l-artikolu 179 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, a fol. 18 u 19 tal-proċess, il-konvenut irrileva li fl-istess kambjali ma hemmx indikat il-lok tal-ħlas kif rikjest mill-imsemmi artikolu 179. Il-konvenut isostni li l-partikolaritajiet kollha msemmija fl-istess artikolu huma neċessarji kollha għall-validità tal-kambjala u għalhekk jekk xi partikolarità titħalla barra l-istesss kambjala tkun nulla. Jibbaża l-argument tiegħu prinċipalment fuq il-kelma "għandu" ("*must*") li tintuża fl-istess artikolu u ċjoè:

"Il-kambjala għandu jkun fiha d-data ... u l-lok tal-ħlas

Il-konvenut iċċita xi ġurisprudenza, li però ma tolqotx preċiżament il-punt taħt eżami, iżda dwar in-nuqqas tal-firma tat-traent u argumenta li piena ta' nullità komminata f'dawk il-każijiet għandha tapplika ukoll fil-konfront tal-partikolaritajiet kollha msemmija fl-imsemmi artikolu, fosthom l-indikazzjoni tal-post tal-ħlas;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-fehma tal-Qorti, din l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut mhix fondata. Illi fl-ewwel lok, għalkemm il-leġislatur juża' l-frażi "għandu jkun fiha", però, mhux kull partikolarità msemmija fl-artikolu 179 hija rekwiżit essenzjali għall-validità tal-kambjali, għalkemm l-istess partikolaritajiet normalment jinstabu fil-kambjala. Din l-interpretazzjoni taqbel ma' l-insenjament ta' l-awturi fil-materja fosthom: (a) F. Cognetti *Istituzioni di Diritto Privato*, Vol. I, para. 184, li jiddistingwi bejn partikolaritajiet li huma indispensabbli u oħrajn li mhumiex indispensabbli;

G. Ferri - *Manuale di Diritto Commericale*, para. 405 sa 416, li jiddistingwi bejn l-elementi essenzjali u bejn l-elementi aċċidentali tal-kambjala. Għal dak li jirrigwarda l-elementi essenzjali jsemmi ukoll li uħud minnhom, jekk ikunu neqsin, jistgħu jiġu suppliti mid-disposizzjonijiet tal-liġi (fosthom id-data ta' l-iskadenza, il-post fejn tiġi maħruġa, il-lok tal-ħlas), jew anke mill-possessur (*cambiale in bianco* u *potere di riempimento*);

Il-Professur F. Cremona, fl-appunti tiegħu dwar is-suġġett, janalizza fid-dettal kull element imsemmi fl-artikolu 179 (ara paġni 268 sa 276) u jiġbed il-konklużjoni li mhux kull rekwiżit

imsemmi fl-istess artikolu għandu jiġi kkunsidrat bħala essenzjali għall-validità tal-kambjala. F'dan ir-rigward wieħed jista' jsemmi ukoll li l-ewwel artikolu tal-*Uniform Law of the Geneva Convention*, 1930, jelenka tmien partikolaritajiet tal-kambjala u sempliċement jgħid "*la cambiale contiene*" biex juri li mhux kull partikolarità msemmija hija fil-fatt essenzjali;

Illi, fit-tieni lok, wieħed issa jrid jeżamina dak li jgħidu l-awturi fuq il-partikolarità tal-lok tal-pagament. Hawn ta' min jagħmel referenza għall-insenjament ta' l-għaref Professur Cremona f'paġna 274 ta' l-imsemmija appunti fejn jingħad hekk:

"*In the absence of any indication as to the place of payment, the bill is not necessarily to be cosnidered invalid: in fact, such place may result from other particulars inserted in the bill itself. In practice, where no place of payment is indicated in a bill, the address specified beside the name of the drawer is deemed to be the place of payment, and, in the case of a bill drawer to the order of the drawer himself, the place of issue or the address specified beside the drawer's signature is deemed to be the place of payment. Furthermore, sec. 280 provides that the presentment of a bill for payment against a particular party - and, therefore, also against the drawer - shall be made at such party's place of business or otherwise at his residence; this section would apply only where a place of business or of residence is inexistent, when the bill would have to be considered invalid*";

Illi jekk dan l-insenjament jiġi applikat għall-każ in eżami, wieħed jikkonkludi li l-lok tal-pagament, fil-fatt, jirriżulta. Apparti l-konsiderazzjoni li l-kambjali in kwistjoni jikkonċernaw esklussivament iż-żewġ partijiet f'din il-kawża, għaliex id-*drawee* u l-*payee* huma l-istess persuna, ċjoè l-attur,

waqt li d-*drawer* huwa l-konvenut u għalhekk ma seta' qatt ikun hemm diffikultà ta' natura prattika dwar il-lok preċiż tal-pagament, l-istess lok tal-pagament (a tenur ta' l-imsemmi artikolu 280) hu fil-każ taż-żewġ kambjalijiet esebiti a fol. 4 u 5 tal-proċess l-indirizz tad-*drawee* ċjoè t-trattarju *supermarket strand* - 110, The Strand, Sliema;

Għalhekk ma jista' qatt ikun hemm dubbju li l-istess kambjalijiet huma validi f'dan ir-rigward;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri (a fol. 13 tal-proċess) tal-konvenut - bi spejjeż kontra tiegħu u tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni għas-seduta tas-6 ta' Frar, 1985 fid-9.00 a.m.